# IS-SEMINARJU *x'futur għandu?*

F'din il-mistoqsija, bil-kelma "Seminarju" miniex qed nifhem is-Seminarju tagħna f'Għawdex, is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, għalkemm din hija mistoqsija leġittima li mhux biss nagħmluha minn żmien għal żmien aħna l-formators imma li għandi l-impressjoni li jagħmluha wkoll diversi saċerdoti u lajċi fid-Djoċesi tagħna. Hija mistoqsija f'waqtha li ssir, proprju hekk kif nhar l-4 ta' Novembru li ġej is-Seminarju tagħna jagħlaq 160 sena, u allura għandna okkażjoni oħra – bħala Seminarju u bħala Djoċesi – biex nerġgħu nikkomettu rwieħna għall-missjoni ta' dan il-post. Hija mistoqsija li tqum quddiem il-fatt li n-numru tal-kandidati għas-saċerdozju fid-Djoċesi tagħna fis-snin li ġejjin se jerġa' jiċkien, u li d-daqs tal-komunità tas-Seminarju se jkun dejjem iktar sfida. Hija mistoqsija li tajjeb li ssir, mingħajr ma ninterpretawha jew inħossuha bħala theddida għall-eżistenza tas-Seminarju tagħna jew għall-impenn tal-Isqof u tad-Djoċesi tagħna li nkomplu niffurmaw lis-saċerdoti ta' għada f'din id-Djoċesi. Hija mistoqsija li għandna d-dmir li nagħmluha, almenu kultant u tant, biex il-formazzjoni għas-saċerdozju ma tkunx sempliċi programm li jirrepeti ruħu, imma niggarantixxu – fil-limiti tagħna – tħejjija ta' kwalità għall-qadi tal-ministeru saċerdotali fi Knisja u f'soċjetà bi sfidi ġodda.

F'din il-mistoqsija, bil-kelma "Seminarju" qed nifhem is-Seminarju inġenerali, bħala struttura jew strument li permezz tiegħu, il-Knisja Universali sa mill-1564 (is-sena tal-ftuħ tal-ewwel Seminarju) kienet tifforma l-kandidati għas-saċerdozju. Bħalma għamlet diversi drabi oħra fl-istorja, anki llum il-Knisja qed tistaqsi dwar il-futur tas-Seminarju, u qed tagħmel dan mhux biex twarrab dan l-istrument għall-ġenb imma għax tagħraf l-importanza tiegħu.

Parti mit-tweġiba għal din il-mistoqsija ingħatat f'dokument li ġie mniedi ftit ilu minn grupp ta' studju li wara l-aħħar Sinodu tal-Isqfijiet ġie inkarigat bex jistudja iktar mill-qrib il-formazzjoni għas-saċerdozju, u kif din tista' u għandha tirrifletti aħjar l-għixien u l-eżerċizzju tal-ministeru saċerdotali fi Knisja li hija msejħa biex tkun iktar "sinodali". Fi kliem l-istess dokument "fid-dawl tal-identità relazzjonali tal-ministeru saċerdotali *fil- u mill-*Poplu ta' Alla", is-Seminarju għandu jimxi għal "formazzjoni li sseħħ qalb il-ħajja ordinarja tal-komunitajiet kristjani; li ma tkunx tikkonsisti biss f'mumenti rari ta' kondiviżjoni ma'membri oħra tal-poplu ta' Alla; għas-sehem iktar wiesa' ta' persuna b'diversi vokazzjonijiet fil-formazzjoni tar-ragħajja ta' għada, bi ftuħ partikolari għan-nisa u għall-familji; għall-kisba tal-ħiliet indispensabbli biex tissawwar Knisja sinodali bħalma huma s-smigħ, id-djalogu, il-qsim tar-responsabilità u d-dixxerniment ekkleżjali. Dan kollu fid-dawl ta' tweġiba iktar ġeneruża għall-mandat missjunarju ta' Ġesù".

Fost id-diversi ideat ta' dan id-dokument, tispikka l-insistenza li s-Seminarju m'għandux iktar jiġi maħsub bħala "post" uniku, struttura identifikata biss ma' binja, imma bħala żmien ta' formazzjoni mifrux fuq diversi postijiet u esperjenzi. Dan biex jiġi evitat ir-riskju li l-formazzjoni ssir xi ħaġa maqtugħa u mbiegħda mill-Poplu ta' Alla u mill-Knisja fil-ħajja ordinarja tagħha. Bil-kontra, din għandha tkun tixbah u taqbel iktar mal-ħajja li s-saċerdoti huma msejħa jgħixu wara l-ordinazzjoni, jiġifieri qalb il-komunità għall-qadi tal-Poplu ta' Alla u f'sintonija ma' ministeri, vokazzjonijiet u kariżmi oħra fi ħdanu. Allura s-sejħa ta' dan id-dokument sabiex il-Knisja kollha, bir-realtajiet u l-uċuħ kollha tagħha, tkun ta' Seminarju għas-Seminaristi u sabiex il-kuntatt mal-ħajja ta' kuljum tal-komunitajiet kristjani ma jibqax limitat biss għal ftit mumenti matul il-ġimgħa u ftit esperjenzi fis-sena, imma jsir il-post fejn isseħħ il-formazzjoni għall-ministeru u d-dixxerniment dwar is-sejħa tal-kandidati għas-saċerdozju.

M'hemmx dubju li din hija sfida kbira li titlob minna, bħala Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, bidla fil-mentalità u mod ġdid kif inħarsu lejn il-formazzjoni. Fl-istess waqt huwa ta' inkuraġġiment għalina li fit-tradizzjoni formattiva tas-Seminarju tagħna, almenu mill-1970 'il quddiem, dejjem kien hemm spazju u sensibilità għall-formazzjoni pastorali tas-seminaristi, u li fl-aħħar sentejn dan l-ispazju kompla kiber u ngħata iktar piż fil-programm tal-formazzjoni. It-triq 'il quddiem murija minn dan id-dokument hija ta' inkuraġġiment li l-passi tas-snin li għaddew kienu fid-direzzjoni t-tajba.

Għalhekk ix-xewqa tagħna rigward il-futur tas-Seminarju tagħna hija doppja: 1. Li jkollna Seminarju li jkompli joffri formazzjoni aġġornata u adattata għall-isfidi ta' żmienna; 2. Li kulħadd iħossu b'xi mod responsabbli tal-formazzjoni tas-Seminaristi, ibda mis-saċerdoti u l-lajċi impenjati. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jagħtina d-dawl tiegħu f'din it-triq!

*Dun Gabriel Gauci*
Viċi-Rettur



sem&u

April 2026
Ħarġa nru 32

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex 2155 6479
rector.seminary@churchingozo.mt
www.sacredheartseminary.org.mt

# MILL-EKU TAS-SENA INTERMEDJARJA

JOHN XERRI

Is-sena intermedjarja, magħrufa bħala s-sena barra, hi sena lejn in-nofs triq tal-formazzjoni fis-seminarju li seminarista jqatta' 'l barra mill-ambjent tas-seminarju li miegħu hu tant familjari, 'il barra mix-xtut tal-pajjiż żgħir tagħna. Fil-każ tiegħi, l-esperjenza tas-sena barra qed nagħmilha fil-Parroċċa ta' San Edwardu l-Konfessur, fl-Arċidjoċesi ta' Toronto, il-Kanada.



Toronto hija belt magħrufa għad-diversità kbira tagħha madwar id-dinja. Fil-parroċċa tiegħi hawn nies minn kull rokna tad-dinja, u għalhekk niltaqa' ma' diversi espressjonijiet kulturali. Bħalissa qed ngħix fid-dar parrokkjali flimkien ma' żewġ qassisin oħra.

Il-ġimgħa tiegħi hi varjata. L-ewwel ħaġa li nagħmel filgħodu hi li niftaħ il-knisja. Imbagħad, ta' kuljum ikollna l-quddiesa fit-8.30a.m. Fiż-żona pastorali tagħna jinsabu erba' skejjel Kattoliċi, li tlieta minnhom huma skejjel elementari, jiġifieri jilqgħu tfal mill-kindergarten sa madwar erbatax-il sena. Kull ġimgħa nżur il-klassijiet tat-tfal li qed jitħejjew biex jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma, u nqatta' madwar 20 minuta f'kull klassi bħala parti mill-formazzjoni tagħhom għas-sagramenti. Ngħin ukoll fid-duttrina tal-istudenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof iżda jattendu skejjel privati jew tal-gvern, kif ukoll fil-klassi tal-RCIA. Din tinkludi adulti li se jitgħammdu jew Insara adulti li jixtiequ jidħlu fil-Knisja Kattolika.

Din is-sena, il-parroċċa tagħna għandha 45 persuna li jixtiequ jsiru Kattoliċi — sinjal ċar li l-Ispirtu s-Santu għadu jaħdem anke fi żminijietna. Ngħin ukoll fil-grupp tal-adolexxenti li jiltaqa' kull nhar ta' Ġimgħa. Fil-parroċċa hemm ukoll għadd ta' għaqdiet oħra li jiltaqgħu regolarment, u spiss ngħinhom b'xi mod jew ieħor. Barra minn hekk, nakkumpanja lill-qassisin tal-parroċċa fiż-żjajjar tagħhom lill-morda.

Din is-sena hi tassew esperjenza sabiħa. Il-ħajja fil-parroċċa qed tgħallimni ħafna fuq is-saċerdozju, u qed niskopri iktar kif dik is-sejħa li qed jagħmilli l-Mulej nista' nkabbarha u nħaddimha, bħat-talenti tal-parabbola. Ir-relazzjonijiet li qed jirnexxili nibni mal-parruċċani, mas-saċerdoti u mal-kollaboraturi huma sbieħ immens. Ir-relazzjonijiet mal-oħrajn huma parti essenzjali mill-ħajja tagħna bħala Nsara. Huma l-mod anke ta' kif nesperjenzaw l-imħabba ta' Alla u kif inwettquha fil-prattika.

Naturalment, mhux kollox huwa komdu. Is-sena barra hi minnha nfisha esperjenza ta' separazzjoni minn dak li jien imdorri bih. Hi separazzjoni mill-ambjent li fih kbirt u trabbejt, hi separazzjoni min-nies li naf, mill-ħbieb, u fuq kollox mill-familja. Il-bidla qatt mhi komda, għax titfgħek f'baħar li ma tkunx taf kemm hu fond. Imma madanakollu, il-bidla hi bżonnjuża.

Jekk ir-relazzjonijiet mal-oħrajn huma essenzjali għall-fidi u għall-formazzjoni, kemm iktar hi importanti r-relazzjoni ma' Alla li minnu tiġi l-vokazzjoni! Għalhekk, li ninqata' tgħini nagħraf li Alla hu dak il-fattur li hu dejjem kostanti: l-istabbiltà fiż-żminijiet u ċ-ċirkustanzi li jinbidlu. Fit-tieni Ħadd tar-Randan smajna l-istorja ta' Abram. Alla sejjaħ lil Abram, u qallu jqum u jimxi, jitlaq minn dar missieru u jmur fejn jgħidlu hu stess. Is-sena barra hi simili. Fl-istedina biex inqum u nitlaq, nagħraf inpoġġi t-tama tiegħi f'Alla, nagħraf nisma' u niddixxerni, nagħraf dawk il-modi kollha ta' kif Alla kien, għadu u jibqa' miegħi. Għalhekk, inħoss ġewwa fija sens kbir ta' gratitudni għal dan il-vjaġġ.



Fl-aħħar, nitlobkom titolbu għalija biex f'dan iż-żmien li baqagħli l-Kanada, u anke fil-passi li jmiss tal-formazzjoni tiegħi, inkompli nikber fis-sejħa tiegħi għall-qadi tal-Knisja.

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Nhar l-Erbgħa 31 ta' Diċembru, wara l-quddiesa tat-Te Deum ġewwa l-Katidral, id-Djakni Samuel Aquilina u Marlon V. Bajada preżentaw it-Talba tagħhom għall-Ordinazzjoni Presbiterali.

Fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida, nhar is-Sibt 3 ta' Jannar 2026, saret il-Laqgħa tal-Awguri tal-Isqof mal-Kleru Għawdxi. Is-seminaristi kienu mistiedna għal din il-laqgħa.

It-Tnejn 5 ta' Jannar, is-seminaristi rritornaw lura fis-Seminarju wara l-vaganzi tal-Milied.

Ix-xahar ta' Jannar iġib miegħu wkoll l-eżamijiet għal diversi studenti kif ukoll għas-seminaristi. L-eżamijiet kienu bejn l-21 ta' Jannar u l-4 ta' Frar.

Wara l-eżamijiet tal-ewwel semestru, bejn l-5 u d-9 ta' Frar, is-seminaristi qattgħu xi jiem ta' mistrieħ flimkien.



L-Erbgħa 11 ta' Frar, ingħata bidu għat-tieni semestru fis-Seminarju.

Nhar il-Ħamis 12 ta' Frar ġie mtella' Seminar dwar l-*AI u l-użu tagħha fl-istudju*, organizzat mill-Istitut tal-Qalb ta' Ġesù għall-professuri u l-istudenti, imexxi minn Dun Jean Gové.



Bejn il-Ġimgħa 20, u s-Sibt 21 ta' Frar, is-seminaristi attendew għal *weekend* ta' formazzjoni ġewwa s-Seminarju ta' Malta mmexxi minn Dun Matthew Pulis. It-tema ta' dan il-*weekend* ta' formazzjoni kienet dwar era diġitali u l-lingwaġġ tal-media soċjali, u kif dawn jinfluwenzaw l-identità, ir-relazzjonijiet, il-ħajja spiritwali u l-Knisja fid-dinja tal-lum.



It-Tnejn 23 ta' Frar, Dun Raymond Portelli, missjunarju Għawdxi ġewwa l-Perù, żar is-Seminarju. Huwa ċċelebra l-quddiesa flimkien mas-seminaristi.

Nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar, Ras ir-Randan, wara l-quddiesa pontifikali ġewwa l-Katidral li tat bidu għal żmien ir-Randan, is-seminaristi Anthony Joe Borg u Fabio Cini preżentaw it-Talba tagħhom għall-Ordinazzjoni Djakonali.

Matul iż-żmien qaddis tar-Randan, il-komunità kellha wkoll diversi mumenti ta' esperjenzi marbuta ma' dan iż-żmien, partikularment fejn jidħlu t-talb, is-sawm u l-karità. Saret tradizzjoni annwali li s-seminaristi jmorru jżuru xi saċerdoti anzjani jew morda li jinsabu ġewwa djarhom. Barra minn hekk ittieħdet l-inizjattiva li tiġi ċċelebrata quddiesa ġewwa *Casa Giuseppe* ġewwa l-Belt Victoria u anke ssir żjara lill-anzjani li jinsabu rikoverati



f'din id-dar. Ittieħdet ukoll l-inizjattiva flimkien mal-iskola tas-Seminarju Minuri, li jsir ġbir ta' flus b'risq il-Missjoni ta' Mons. Isqof Giovanni Cefai MSSP ġewwa l-Perù.

Appuntament ieħor li kellhom is-seminaristi matul iż-żmien tar-Randan huwa l-laqgħat flimkien mal-Fondazzjoni Oasi. Kull nhar ta' Erbgħa filgħaxija, is-seminaristi kellhom l-opportunità li jiltaqgħu u jaqsmu diversi esperjenzi mar-residenti li bħalissa jinsabu fil-programm. Ir-residenti kellhom ukoll l-opportunità li jżuru s-Seminarju Maġġuri, fejn għamlu esperjenza ta' talb flimkien.

It-Tlieta 10 ta' Marzu saret quddiesa solenni fejn ġie mfakkar l-40 anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-Kappella tas-Seminarju.

Il-Ħamis 19 ta' Marzu, is-Solennità ta' San Ġużepp, saret quddiesa kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija mir-Rettur tas-Seminarju. Is-seminarista Fabio Cini għamel l-omelija tal-okkażjoni.





Il-Ħamis 12 ta' Marzu, is-seminaristi organizzaw Via Sagra fuq l-Għolja t'Għammar għall-istudenti tat-tieni sena tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù.

Nhar it-Tlieta 17 u 24 ta' Marzu saru laqgħat għall-abbatini l-kbar kollha ta' Għawdex. Huma ngħaqdu mas-seminaristi għall-mumenti ta' riflessjoni, adorazzjoni kif ukoll għall-ikel.

Nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu, il-komunità tas-Seminarju talbet il-Via Sagra u ċċelebrat l-quddiesa fuq l-Għolja t'Għammar. Filgħaxija saret il-korrezzjoni fraterna u wara ċ-ċelebrazzjoni penitenzjali bħala tħejjija għall-festi qaddisa tal-Ġimgħa Mqaddsa.





Bejn Ħadd il-Palm u l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa sar ukoll l-irtir għas-seminaristi tagħna flimkien mal-komunità tas-seminaristi Maltin, ġewwa s-Seminarju ta' Malta u li ġie mmexxi minn Dun Sandro Vella.

Is-seminaristi jirritornaw is-Seminarju wara l-waqfa tal-vaganzi tal-Għid it-Tnejn 13 t' April.

Is-Seminarju jixtieq juri gratitudni lejn dawk kollha li matul ir-Randan urew ġenerożità, fl-offerti miġbura mill-Parroċċi u l-komunitajiet kollha tad-Djoċesi. L-għajnuna tagħkom tkompli ssostni din il-missjoni kbira. Ta' kuljum fis-Seminarju jsir talb għall-benefatturi kollha. Jekk tixtieq tgħin lis-Seminarju jkompli bil-ħidma tal-missjoni tiegħu tista' jew tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot inkella permezz ta' bank transfer:

**APS Account Number:** 2000162755-8
**IBAN Number:**
MT27APSB77035008161820001627558

*Grazzi tal-ġenerożità tiegħek!*